MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 383/2008

**James u Jeanette konjuġi Gambin għan-nom u in rappreżentanza tal-minuri Charles magħruf bħala Karl**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-17 ta' April 2008 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi r-rikorrenti żżewġu fil-25 ta' Lulju 2003 (*vide* ċertifikat hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'A');

Illi minn dan iż-żwieġ twieled Charles fl-1 ta' Lulju 2004, liema twelid ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni elfejn, mija u sebgħa u tletin

(2137) tas-sena elfejn u erbgħa (2004) (*vide* ċertifikat hawn anness u markat bħala Dok. 'B');

Illi t-tarbija hawn fuq indikata ngħatat l-isem ta' "Charles" għaliex ħu r-rikorrenti Jeanette Gambin, li kien jismu Charles Hall, miet ftit qabel, u kien proprju minħabba din id-diżgrazzja li laqtet lil din il-familja li t-tarbija ngħatat l-isem ta' Charles;

Illi r-rikorrenti u l-familja tagħhom ma setgħux ikomplu jsejħu t-tarbija tagħhom bl-isem ta' Charles u dan għaliex din is-sitwazzjoni kompliet tfakkarhom fil-persuna ta' Charles li kien għadu kemm miet;

Illi l-minuri, ilu dawn l-ahhar tlett (3) snin konsistentement u esklussivament jissejjaħ bl-isem ta' Karl, u fil-fatt, il-minuri, illum-il ġurnata huwa magħruf bħala Karl Gambin;

Illi l-minuri jirrispondi għall-isem ta' Karl biss;

Illi tali nkonsistenza kkawżat u qed tikkawża diffikultajiet prattiċi u proċedurali lill-imsemmi minuri;

Jgħid għalhekk l-intimat il-għaliex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex a tenur ta' l-artikolu 253 *et sequitur* tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

1. Tiddikjara illi l-minuri li ġie reġistrat bl-isem ta' Charles, illum-il ġurnata ġie konsistentement imsejjaħ Karl, minflok l-isem li bih ġie reġistrat;

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jikkoreġi ċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni elfejn, mija u sebgħa u tletin (2137) tas-sena elfejn u erbgħa (2004), fis-sens illi fil-kolonna intestata "isem il-wild", l-isem Charles jiġi sostitwit bl-isem ta' Karl;

3. Tordna illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-reġistrazzjoni progressiv ta' iskrizzjoni elfejn, mija u

sebgħa u tletin (2137) tas-sena elfejn u erbgħa (2004) jiġi rifless f'kull att ta' l-istat ċivili relattiv għall-istess minuri;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fit-13 ta' Mejju 2008, li permezz tagħha espona:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, għal ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi fi kwalunkwe każ l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-esponent li m'għandux ibati l-ispejjeż ta' l-istanti *stante* li jirriżulta li d-dikjarant fuq l-Att tat-Twelid tal-minuri kien ir-rikorrent James Gambin li ddikjara u ffirma li l-informazzjoni li ta hija korretta.

3. Illi mingħajr preġudizzju wkoll, jeħtieġ li r-rikorrenti jispeċifikaw fit-talbiet dedotti fir-rikors ġuramentat in-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Atti ta' l-Istat Ċivili kollha li huma qed jitolbu li jiġu korretti, jekk dan hu l-każ, u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Tant għandu l-esponent x'jeċċepixxi għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi permezz tal-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Marzu 2009 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jagħmlu din it-talba *ai termini* ta’ l-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta’ ismijet ta’ l-atti ta’ l-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* ta’ l-artikolu 254 saret debitament.

It-talba attriċi hija ġustifikata biss fis-sens li peress li l-minuri tista’ tgħid minn dejjem kien magħruf bl-isem *Karl*. Wieħed jista’ għalhekk jgħid li dan huwa l-istess isem iżda b’ilsien ieħor. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-iżball (jekk wieħed jista’ jsejjaħlu hekk) u m’għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi u dan fir-rigward taċ-ċertifikat tat-twelid numru 2137/2004; l-ispejjeż tal-kawza jitħallsu mill-istess atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------